MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## JOSETTE DEMICOLI

Seduta tad-19 ta' Novembru, 2014

Numru. 760/2014

**Il-Pulizija**

**(Spettur Kylie Borg)**

**Vs**

**Joseph Falzon**

**(ID nru: 82882M)**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Seduta ta' l-Erbgha 19 ta' Novembru, 2014**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra l-imputat Joseph Falzon detentur ta' karta ta' l-identita' nru 0082882M talli fil-05/08/13, ghall-habta tat-15.00hrs, gewwa Triq il-Mithna, Hal Qormi:

1) Saq vettura JBD 219 u b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru CVL 002 w involontarjament ikkaguna hsarat ghad-dannu ta' Carmel Vella Ltd.

2) U aktar meta b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, nvolontarjament ikkaguna offiza ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Emanuel Vella skond kif iccertifika Dr. Arlene Bonello MD reg-2983 mill-poliklinika tal-Mosta.

3) Saq vettura nru JBD 219 b'manjiera a)perikoluza, b)traskurata, c) u bla kont.

4) Waqt li kien qieghed isuq l-imsemmija vettura opera u/jew libes headphones jew uza xi apparat tal-istess xorta (mobile phone), li b'xi mod ittellef jew li seta' tellef is-smiegh tieghu waqt is-sewqan.

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u li l-imputat m'ghandux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-prosekuzzjoni irtirat l-akkuza numru 3a.

Rat li fis-seduta tallum l-imputat irregistra ammissjoni u wara li l-Qorti tatu zmien biex jirrikunsidra l-posizzjoni tieghu kkonferma l-istess ammissjoni.

Rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu (salv ghall-akkuza 3a li giet imbaghad irtirata) u ghaldaqstant dawn gew sodisfacentement ippruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qieghed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-fedina penali tieghu li ghalkemm mhux netta mhix wahda allarmanti. Oltre' dan il-parte leza ddikjara li llum il-gurnata ghaddielu u ma kellux konsegwenzi wara l-incident kif ukoll li l-kumpanija Carmel Vella Ltd thallset mill-kumpanija assikurattiva l-hsarat li gew ikkawzati f'dan l-incident.

Illi dan il-kaz mhux wiehed li jinkwadra ruhu fl-artikolu 15(2) tal-Kap 65. Billi f'dan il-kaz il-prosekuzzjoni ma talbitx li b'zieda mal-piena l-hati jkun skwalifikat li jkollu jew milli jikseb licenzja ghal zmien a tenur ta' l-artikolu 15(3) tal-Kap 65 din il-Qorti ma tistax tapplika tali sanzjoni.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' l-akkuza numru 3a, wara li rat l-artikoli 17, 328(c), 226(1)(b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 15(1)(a), 15(3) u 55 tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta kif ukoll ir-regolament 115(2) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 65.11, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ihallas multa ta' seba' mitt euro (€700). F'kaz ta' nuqqas ta' hlas tal-multa din hija konvertibbli fi prigunerija.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------